StudentBounty.com

# SKEJJEL PRIMARJI

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2012

| IR-RABA' KLASSI | MALTI FEHEM IS-SMIGĦ | Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

Isem:_______________________________________________ Klassi:____________________

## Il-Karta tal-Għalliema

**Gwida għat-tmexxija tal-eżami tal-fehem is-smigħ**

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

- Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel u ser tinqralhom Sezzjoni A li huwa rapport tal-aħbarjiet.
- L-ewwel darba se tismagħha biss, mingħajr ma tara l-mistoqsijiet.
- It-tieni darba naqralek il-mistoqsijiet u nerġa' naqralek is-silta. Hawnhekk inti tkun tista' twieġeb il-mistoqsijiet.
- Meta tlesti, nerġa' naqralek is-silta, għat-tielet darba, u nagħtik ftit minuti oħra biex tiċċekkja dak li ktibt.
- Issa irrepeti l-istess ħaġa mas-Sezzjoni B.

www.StudentBounty.com

Sezzjoni A

Dawn huma l-aħbarijiet fil-qosor:

L-aħħar space shuttle, l-Atlantis, telqet mill-istazzjon spazjali internazzjonali biex hekk intemm programm ta' missjonijiet spazjali li ilu sejjer 12-il sena lejn dan l-istazzjon. Issa Atlantis tqiegħed f'mużew fl-Amerika.

Tħabbar li fis-santwarju ta' Lourdes sar fejqan straordinarju ta' raġel Franċiż b'diżabbilita□. Il-każ jikkonċerna raġel ta' 56 sena li kellu siequ x-xellugija paralizzata għal ħafna snin iżda fieq wara żjara fis-santwarju fit-12 ta' April tal-2002.

Insellmilkom.

www.StudentBounty.com

Immarka t-tweġiba t-tajba.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Atlantis kienet | l-ewwel vettura spazjali. | |
| | | l-aħħar vettura spazjali. | |
| | | l-aħħar robot. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | Atlantis kienet ilha taħdem għal | tnax-il sena. | |
| | | tlettax-il sena. | |
| | | tlettin sena. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | F'Lourdes sar fejqan staordinarju fuq | mara b'diżabbilita.□ | |
| | | tifel b'diżabbilita.□ | |
| | | raġel b'diżabbilita□. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Il-paraliżi□ kienet fuq | sieq ix-xelluġija. | |
| | | sieq il-leminija. | |
| | | Id ix-xellugija. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | Dan seħħ | f'April 2001. | |
| | | f'Mejju 2002. | |
| | | f'April 2002. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | Dan il-fejqan straordinarju li sar nistgħu nsejħulu | quddiesa. | |
| | | festa. | |
| | | miraklu. | |

www.StudentBounty.com

Sezzjoni B

Is-Serra

Omm Pietru kienet tħobb il-fjuri. Fil-ġnien ta' wara d-dar tgħidx kemm kienet tqatta' ħin issaqqihom u tnaqqilhom il-ħaxix ħażin. Jum fost l-oħrajn twebblet biex tagħmel serra ħalli tkabbar ix-xtieli ta' barra.

Meta Gerit kienet titħajjar għal xi ħaġa ma kinitx tistrieħ qabel ma taraha lesta. Hekk ġralha meta twebblet biss serra. F'rokna tal-ġnien kien hemm gallinar li ma kienx għadu jintuża. Għalhekk talbet lil Ġamri, biex iħott għal kollox il-gallinar u minfloku jibni s-serra.

Dam aktar minn xahar biex lestieha għax kien jaħdem biss filgħaxija meta jasal lura d-dar mix-xogħol. Pietru, it-tifel tagħhom, kien jgħin mill-aħjar li seta'. Kemm-il darba mar jixtrilu x'imsiemer, viti jew kull ħaġa oħra li ġie bżonn. Darba minnhom ried jisserra biċċa njama u missieru ħallieh jipprova. Għal din il-biċċa xogħol poġġa l-injama fuq il-banketta kif kien jagħmel missieru, iżda spiċċa biex serra l-wiċċ tal-banketta b'kollox. Darb'oħra Pietru mar biex isammar musmar u ħa daqqa fuq sebgħu l-kbir u spiċċa jdur mal-ġnien u jwaħwaħ bl-uġiegħ.

Imma sa fl-aħħar, b'Pietru daqqa jgħin u oħra jtellef, is-serra tlestiet.

www.StudentBounty.com

Sezzjoni B

**Agħżel it-tajba**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Omm Pietru jisimha | Ġanna | |
| | | Gerit | √ |
| | | Ġużeppa | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | Kienet tħobb tqatta' ħafna ħin | fil-ġnien | |
| | | id-dar | |
| | | il-Belt | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | Kienet tieħu ħsieb il-fjuri billi | issaqqihom u tpoġġihom għad-dell | |
| | | issaqqihom u tbiddel il-ħamrija | |
| | | issaqqihom u tneħħilhom l-ħaxix ħażin | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Gerit xtaqet li jkollha | gallinar | |
| | | kamra tal-għodda | |
| | | serra | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | Riedet din il-kamra biex | tkabbar pjanti kbar | |
| | | tkabbar pjanti ta' barra | |
| | | tkabbar pjanti ta' kull lewn | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | Żewġha biex jaħdem fuq is-serra | wara x-xogħol | |
| | | waqt ix-xoghol | |
| | | qabel ix-xoghol | |

www.StudentBounty.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | Biex lesta s-serra Ġamri dam aktar minn | xahar | |
| | | ahrejn | |
| | | 3 xhur | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8. | Pietru kien jgħin billi jmur | jiġri | |
| | | jixtri | |
| | | jiknes | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9. | Ġamri kien ipoġġi l-injam li ried iserra | ħdejn il-banketta | |
| | | taħt il-banketta | |
| | | Fuq il-banketta | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. | Meta Pietru serra l-injama | serra l-wiċċ tal-banketta | |
| | | serra subgħu | |
| | | serra injam ieħor | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | *Jinqala' għal kollox* tfisser | ma jaf jagħmel xejn | |
| | | jaqla' kollox | |
| | | jaf jagħmel kollox | |

*(marka x 10 = 10 marki)*

12. Imla l-vojt biex is-sentenza tagħmel sens

F'rokna tal-_____________________ kien hemm ____________________

abbandunat. Hi _________________ lil Ġamri jaqla' għal kollox il-gallinar

u minnfloku _________________ s-serra.

*(1/2 marka x 4 = 2 marki)*

www.StudentBounty.com

www.StudentBounty.com